*il-ħsara fil-proprjetà tal-appellati kienet waħda li ġrat fuq il-medda taż-żmien kollu li ħa l-proġett tal-appellanta, u ma kinitx ħsara istantanja kif allegat l-appellanta –l-appellanta ma rnexxilhiex turi li l-azzjoni mibdija mill-appellati kienet diġà preskritta meta dawn istitwew il-kawża għaliex sa ftit xhur qabel kienu għadhom qegħdin jimmanifestaw ruħhom ħsarat ġodda fil-proprjetà tagħhom, b'tali mod li d-danni u l-ħsara sofferti minnhom ma setgħux jiġu likwidati qabel tlesta l-proġett*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-21 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 171/2008/1 LM

**Raymond Spiteri u martu Mary Rose Spiteri**
*("l-appellati")*

***vs.***

**Chris Cuschieri f'ismu**
**u għan-nom ta' Krigar Developments Ltd** *("is-soċjetà appellanta")*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Krigar Developments Ltd**, hawnhekk "l-appellanta", minn deċiżjoni tal-**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

(minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti"), tat-12 ta' Marzu, 2019 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-intimat **Chris Cuschieri** personalment mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għalhekk illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju; li s-soċjetà intimata, hawnhekk "l-appellanta", **Krigar Developments Ltd** hija l-leġittima kontradittriċi u għalhekk għandha twieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti, hawnhekk "l-appellati", **Raymond Spiteri u martu Mary Rose Spiteri**; li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tiġi miċħuda; u konsegwentement li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu milqugħa. Kien għalhekk li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li s-soċjetà Krigar Developments Ltd hija responsabbli għall-ħsarat ikkawżati fil-fond "Sabrain", Triq Qrejten, l-Imsida, minn issa 'l quddiem "il-fond", waqt li kienet qiegħda tiżviluppa l-proprjetà attigwa għall-fond tar-rikorrenti; illikwidat id-danni dovuti lir-rikorrenti fis-somma ta' €10,288.84; u kkundannat lis-soċjetà intimata għall-ħlas lir-rikorrenti tas-somma ta' €10,288.84, bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

## <u>Fatti</u>

2. Ir-rikorrenti istitwew proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti b'talba sabiex l-intimati jiġu kkundannati jħallsuhom somma li ma taqbiżx il-ħdax-il elf u sitt mitt Euro (€11,600), rappreżentanti danni kkaġunati lir-rikorrenti fil-fond tagħhom waqt xogħlijiet ta' żvilupp tal-bini attigwu għall-imsemmi fond, liema xogħlijiet saru mill-intimati.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti permezz ta' dawn il-proċeduri kontra l-intimati, qegħdin jitolbu li l-intimati jiġu dikjarati responsabbli għall-ħsarat ikkawżati mill-intimati fil-fond tagħhom, li jiġu likwidati d-danni konsegwenzjali u li l-intimati jiġu kkundannati jħallsu l-imsemmija danni lir-rikorrenti.

4. L-intimati wieġbu li Chris Cuschieri personalment mhux leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti u li għalhekk għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Eċċepew ukoll li lanqas is-soċjetà Krigar Developments Ltd mhija leġittima kontradittriċi, għaliex l-iżvilupp li kkawża l-ħsarat li qegħdin jilmentaw minnhom ir-rikorrenti, sar minn terzi u mhux minnhom. L-intimati eċċepew ukoll li t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u li f'kull każ it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex huma ma kkaġunaw l-ebda ħsara lir-rikorrenti fil-fond tagħhom.

5. Ir-rikorrent **Raymond Saliba** fl-*affidavit* tiegħu ppreżentat quddiem l-Ewwel Qorti, xehed li fis-sena 2003 kien avviċinah l-intimat Chris Cuschieri sabiex jinfurmah li kien ser jibda xogħol ta' twaqqigħ fid-dar attigwa għall-fond, u kien talbu jibda jżarma xi affarijiet li kellu fid-dar sabiex tiġi evitata l-ħsara. Ir-rikorrent qal li huwa beda jżarma u jistiva l-affarijiet kif mitlub, u dak iż-żmien kien ħa ħsieb jinkariga perit sabiex jispezzjona l-bini tiegħu u jistabbilixxi jekk fil-fond kienx hemm xi ħsara. Qal li la l-perit tiegħu u lanqas il-perit inkarigat mill-intimati, li wkoll spezzjona l-fond tar-rikorrenti sabiex ikun jista' jagħmel il-*condition report,* ma sabu ħsara fil-fond tagħhom. Ir-rikorrent qal li matul is-sajf

ta' qabel beda l-iżvilupp tal-intimati, huwa kien nefaq ħafna flus sabiex għamel miljoramenti fil-fond tiegħu. Qal li meta beda x-xogħol ta' twaqqigħ tal-proprjetà attigwa fi Frar tal-2004, huwa sofra ħafna ħsara fil-fond tiegħu, l-aktar minħabba l-ingress tal-ilma li wassal għal ħsara fl-għamara, fiż-żebgħa, għal ħruġ ta' konsenturi u ħruġ ta' moffa f'diversi partijiet tal-fond tar-rikorrenti. Ir-rikorrent qal li hekk kif l-intimat kien ser jibda l-bini, dan talbu jagħtih is-servizz tad-dawl u l-ilma u huwa kien aċċetta. Żied jgħid li fil-bidu hu u l-intimat ma kellhomx problemi bejniethom, u l-intimat kien dejjem iwiegħed li kif ilesti x-xogħol kien ser jikkumpensa lir-rikorrenti għad-danni kkaġunati u għad-dawl u l-ilma. Ir-rikorrent qal li darba fost l-oħrajn, waqt li kien għaddej ix-xogħol fil-proprjetà tal-intimati, ħaddiema inkarigati mill-intimati imlewlu l-bejt bis-siment u l-konkos li kienu qegħdin jaħdmu bih, u kkawżawlu ħafna ħsara fit-twieqi, fil-ħitan, fuq il-bejt u fuq l-affarijiet li kellu fuq il-bejt. Żied jgħid li dan kollu ġara fi żmien meta kienet ser tiżżewwiġlu t-tifla, u għalhekk kellu bżonn jagħmel xi xogħol fid-dar tiegħu. Qal li dak iż-żmien kien tkellem mal-intimat sabiex jara minn fejn l-aħjar li jibda bix-xogħlijiet li kellu bżonn jagħmel fid-dar, u dan kien qallu li seta' jibda mill-*main bedroom.* Qal li ġurnata minnhom marru l-ħaddiema jbajdu din il-kamra, imma fi ftit sigħat indunaw li l-ħaddiema inkarigati mill-intimat kienu reġgħu faqgħu l-ħajt ta' din il-kamra bil-*wallpaper* b'kollox. Ir-rikorrent qal li huwa kien ikkuntattja lill-intimat u talbu jmur jara l-ħsara b'għajnejh dak il-ħin stess, imma l-intimat beda jevita kull kuntatt mar-rikorrent. Ir-rikorrent żied jgħid li wara dakinhar huwa kien waqaf jagħti id-dawl u l-ilma lill-intimat, u qal li huwa kellu jinkariga numru ta' ħaddiema sabiex isewwu l-ħsara kkaġunata fil-fond tiegħu. Ir-rikorrent qal li xi xhur wara inzerta lill-intimat fuq il-post, u dan kien qallu biex jgħaddilu l-kontijiet u l-irċevuti biex

jagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkaġunati. Ir-rikorrent qal li meta għadda l-irċevuti lill-intimat, dan beda jġib diversi skużi u jgħid li l-ħaddiema li għamlu x-xogħol kienu responsabbli għall-ħsara kkaġunata fil-fond tar-rikorrenti. Flimkien mal-*affidavit* tiegħu r-rikorrent ippreżenta elenku tal-ħsarat sofferti minnu u tal-ispejjeż relattivi.

6. Ir-rikorrenti **Rose Spiteri** fix-xhieda tagħha quddiem l-Ewwel Qorti kkonfermat dak li xehed żewġha. Hija qalet li qabel ma l-intimat Chris Cuschieri beda x-xogħol fuq il-proprjetà attigwa, dan kien qalilhom biex iserrħu moħħhom, għaliex f'każ li jkun hemm xi ħsara, huwa kien lest li jikkumpensahom tagħha. Fil-kontroeżami li sarilha, ir-rikorrenti qalet li qabel inbeda x-xogħol fil-proprjetà attigwa, hija u r-raġel tagħha kienu għadhom kemm għamlu xogħol fuq il-bejt tad-dar tagħhom, għal liema xogħol huma nefqu l-ammont ta' LM4,000. Ir-rikorrenti kkonfermat li qabel beda x-xogħol, kemm il-perit inkarigat mir-rikorrenti kif ukoll il-perit inkarigat mill-intimati, kienu għamlu spezzjoni tal-proprjetà tar-rikorrenti u kkonstataw li din kienet fi stat tajjeb. Ir-rikorrenti qalet li sakemm tlestew ix-xogħlijiet, hi u r-raġel tagħha sofrew diversi inkonvenjenzi, kif ukoll riperkussjonijiet finanzjarji, partikolarment għaliex għal xi żmien il-ħaddiema fil-proprjetà attigwa kienu qegħdin jieħdu d-dawl u l-ilma mingħand ir-rikorrenti.

7. Ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tar-rapport tal-**Perit Richard Aquilina**, li ddikjara li meta spezzjona l-proprjetà tagħhom, ma seta' jikkonstata l-ebda ħsara fiha. Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll għadd ta' irċevuti, fatturi għal xogħol

ta' manutenzjoni li kellhom jagħmlu fil-proprjetà tagħhom, kif ukoll sett ritratti sabiex juru l-ħsarat li sofrew fil-proprjetà tagħhom.

8. **Michelle Mintoff**, ġara tar-rikorrenti, fl-*affidavit* tagħha qalet li hija ġieli marret għand ir-rikorrenti sabiex tgħinhom, u hija kienet familjari mad-dar tagħhom. Qalet li d-dar tar-rikorrenti kienet tinżamm "pinna", imma meta beda x-xogħol fil-fond attigwu, hija nnutat li kien hemm diversi ħsarat, fosthom ċaqliq fiċ-ċnagen, ingress ta' ilma, ħsara fl-għamara, u moffa li bdiet tikkawża ħsara f'ħafna affarijiet ta' preġju li kellhom ir-rikorrenti.

9. L-intimat **Chris Cuschieri** fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa direttur tas-soċjetà Krigar Developments Ltd, u li għandu nofs l-ishma f'dik il-kumpannija. Qal li l-kumpannija kienet xtrat id-dar attigwa għall-fond tar-rikorrenti mingħand terzi, permezz ta' kuntratt li ġie ppubblikat min-Nutar Marco Burlò fit-28 ta' Jannar, 2004. Kompla jgħid li huwa personalment m'għandu l-ebda proprjetà f'din it-triq u m'għamel l-ebda xogħlijiet f'ismu personali, u li għalhekk huwa mhuwiex leġittimu kontradittur fil-kawża. Żied jgħid li Krigar Developments Ltd xtrat il-proprjetà imsemmija għal skop ta' żvilupp, bil-ħsieb li din id-dar titwaqqa' u tinbena f'appartamenti skont il-permessi approvati. Ix-xhud żied jgħid li Krigar Developments Ltd m'għamlitx ix-xogħol ta' żvilupp hija stess, iżda kkummissjonat ix-xogħol b'appalt lil terzi, fosthom lil Central Asphalt Limited, li x-xhud qal li hija kumpannija magħrufa li tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni tajjeb u skont is-sengħa. Qal li għal din ir-raġuni, is-soċjetà Krigar Developments Ltd ma kellhiex tiġi mħarrka f'dawn il-proċeduri għaliex ix-xogħol li qegħdin jilmentaw minnu r-rikorrenti ma sarx minnha. L-intimat ta elenku tax-xogħol li

sar, bl-ismijiet tas-sub-appaltaturi li ġew inkarigati b'diversi fażijiet tal-proġett, u qal li sa Jannar tal-2006, kull fażi tal-proġett li setgħet ikkawżat ħsara fil-fond tar-rikorrenti kienet lesta. Qal li għalhekk kull talba jew azzjoni għall-ħlas ta' danni da parti tar-rikorrenti hija preskritta, għaliex għaddew aktar minn sentejn minn meta setgħu ġew ikkawżati mill-ħsarat. Ix-xhud spjega li din il-kawża ġiet ippreżentata fit-22 ta' April, 2008, u kwalunkwe ħsara kkawżata bid-demolizzjoni u t-twaqqigħ tal-proprjetà akkwistata minn Krigar Developments Ltd, bilfors ġrat bejn Jannar u Mejju tas-sena 2005. Qal li l-ħsara kkaġunata minn twaqqigħ ta' konkos li jilmentaw minnha r-rikorrenti, setgħet saret bejn Mejju u Novembru tal-2005, għaliex dan kien iż-żmien li fih kien qiegħed jingħata l-konkos. L-intimat qal li ladarba għaddew aktar minn sentejn minn meta r-rikorrenti allegatament ġarrbu ħsara fil-proprjetà tagħhom, it-talba tagħhom hija preskritta. Żied jgħid li minkejja li r-rikorrenti qalu li kienu bagħtu ittra uffiċjali qabel infetħu dawn il-proċeduri, la hu personalment u lanqas is-soċjetà Krigar Developments Ltd ma ġew notifikati b'din l-ittra. Qal li minkejja li kien hemm drabi meta huwa tkellem mar-rikorrenti dwar id-danni allegatament sofferti minnhom, huwa dejjem għamilha ċara magħhom li dawn id-diskussjonijiet kienu qegħdin isiru mingħajr preġudizzju. Żied jgħid li apparti l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, mhux minnu li huwa jew il-kumpannija Krigar Developments Ltd b'xi mod għandhom jerfgħu xi responsabbilità għall-ħsara allegatament sofferta mir-rikorrenti, u dan għaliex il-kuntratturi inkarigati minnhom sabiex jagħmlu x-xogħlijiet huma kompetenti u magħrufa li jaħdmu skont is-sengħa u l-arti. Ix-xhud kompla jgħid li l-ftehim li l-*crane* jgħaddi minn fuq l-arja tar-rikorrenti sar bejn ir-rikorrenti direttament u s-sub-appaltatur Brian Zammit, u għalhekk jekk waqa' xi konkos fuq il-bejt tar-rikorrenti, dawn

kellhom ifittxu lil Zammit u mhux lilu għad-danni allegatament sofferti minnhom. Qal li anki fir-rigward tal-pretensjoni tar-rikorrenti għall-ħlas tas-servizz tad-dawl u l-ilma, il-ftehim minnhom sar ma' Brian Zammit u għalhekk kwalunkwe pretensjoni għall-ħlas kellha ssir lilu. L-intimat qal li l-ħsara fil-katusi tal-proprjetà tar-rikorrenti la saret minnu u lanqas minn Krigar Developments Ltd, iżda mill-kuntrattur, u l-ħsarat fil-garaxx tar-rikorrenti kienu hemm minn qabel inbeda x-xogħol mill-kuntrattur. Qal li għalhekk la hu personalment u lanqas il-kumpannija Krigar Developments Ltd m'għandhom jintalbu jagħmlu tajjeb għall-ħsarat sofferti mir-rikorrenti.

Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, l-intimat qal li huwa kien dispost li joffri somma flus lir-rikorrenti, għalkemm qal li huwa qatt m'aċċetta r-responsabbilità għad-danni. Qal li għal din ir-raġuni huwa dejjem tkellem mar-rikorrenti mingħajr preġudizzju, għaliex huwa kien jippreferi li jħallas somma flus żgħira bħala kumpens għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti u ma jkunx involut fi proċeduri legali. Qal li l-offerta tal-intimati kienet ta' €3,000 biex il-kwistjoni tinqata' barra l-Qorti, imma li din l-offerta ma ġietx aċċettata mir-rikorrenti. Ix-xhud qal li l-arranġament li l-bajla tal-*crane* operat minn Brian Zammit tgħaddi minn fuq il-bejt tar-rikorrenti, kien sar bejn ir-rikorrenti u Zammit u mhux miegħu. Ix-xhud qal li l-ħsarat fil-garaxx tar-rikorrenti kienu hemm qabel inbeda x-xogħol, u fil-garaxx kien hemm ħadid li jidher imsaddad, u konkos imwaqqa'. Qal ukoll li l-garaxx li r-rikorrenti kienu xtraw mingħand Fino Ferramenta xi żmien qabel, kien ilu snin ma ssir manutenzjoni fuqu u għalhekk dan ma kienx f'kundizzjoni tajba.

10. Il-**Perit Edgar Caruana Montaldo** fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa għandu n-nofs l-ieħor tal-ishma fil-kumpannija Krigar Developments Ltd, u kkonferma li kienet din il-kumpanniija li xtrat il-fond li jiġi biswit il-fond tar-rikorrenti permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Jannar, 2004, u din il-proprjetà nxtrat għal skopijiet ta' żvilupp. Qal li x-xogħol ta' żvilupp ma sarx mill-kumpannija nnifisha, iżda minn kuntratturi inkarigati minnha, għaliex il-kumpannija Krigar Developments Ltd mhix kumpannija li tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni. Ix-xhud qal li l-garaxx li r-rikorrenti kienu xtraw ftit qabel inbdew dawn ix-xogħlijiet, kellu xi ħsarat qabel beda x-xogħol fis-sit inkwistjoni, fosthom fil-katusi tas-saqaf, fit-travi u fis-soqfa tal-konkos. Żied jgħid li huwa kien jaf b'dan għaliex bħala parti mill-applikazzjoni għall-iżvilupp mal-MEPA, huwa kien aċċeda f'dan il-garaxx u kien ħejja *condition report* tal-proprjetajiet adjaċenti għas-sit akkwistat minn Krigar Developments Ltd Kompla jgħid li meta aċċeda fil-fond tar-rikorrenti, huwa kien sab xi qsim fis-saqaf tal-kamra tal-pranzu, xi madum li ma kienx imqiegħed sew fil-kċina u fil-kamra tal-banju u fil-*washroom,* fili tal-madum miftuħin u ingress ta' ilma mill-*washroom.* Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, dan ix-xhud ikkonferma li kienet saret offerta lir-rikorrenti mill-kumpannija intimata, iżda din l-offerta ma kinitx ġiet aċċettata minnhom.

11. **Emanuel Vella**, fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa *manager* fil-kumpannija Central Asphalt Limited, kumpannija involuta f'xogħol ta' twaqqigħ ta' bini, ta' skavar u ta' kostruzzjoni għal aktar minn tletin sena. Qal li l-kumpannija Central Asphalt Limited kienet ġiet ikkummissjonata bħala kuntrattur mill-kumpannija Krigar Developments Ltd sabiex tagħmel xogħol ta' twaqqigħ u skavar ta' dar li kienet inxtrat minn Krigar Developments Ltd, u sabiex tagħmel xogħol ta'

kostruzzjoni ta' garaxxijiet u appartamenti fuq is-sit skont il-permessi approvati. Qal li l-iżvilupp sar f'fażijiet, billi fis-sena 2004 ġie inkarigat ċertu Victor Gauci biex jagħmel xogħol ta' demolizzjoni tas-sit, u dan beda billi waqqaf tliet pilastri ġewwa l-garaxx maġenb is-sit, li huwa proprjetà tar-rikorrenti, u dan bħala appoġġ għat-travi tal-konkos fl-istess garaxx, li kienu fi stat ħażin ħafna. Qal li Gauci mbagħad għadda għal xogħol ta' demolizzjoni u twaqqigħ tad-dar li kienet inxtrat minn Krigar Developments Ltd, liema xogħol sar bejn Jannar u Mejju tal-2005. Żied jgħid li kif kien lest ix-xogħol ta' demolizzjoni, sar xogħol fuq l-appoġġi billi dawn inksew b'taħlita ta' ramel u siment sabiex ikunu *weather proof* u ma jkunux esposti għall-elementi, u sabiex tiġi evitata ħsara fil-proprjetà tal-ġirien. Ix-xhud qal li hekk kif tlesta x-xogħol ta' twaqqigħ, is-sit tnaddaf mill-materjal ta' kostruzzjoni u wara beda xogħol ta' tqattigħ fil-livell tal-*basement.* Qal li f'Mejju tal-2005, il-kumpannija Central Asphalt Limited tat b'sub-appalt ix-xogħol ta' kostruzzjoni lil Brian Zammit, li mill-ewwel daħal fis-sit u beda x-xogħol ta' kostruzzjoni. Qal li l-ewwel stadju kien jinvolvi xogħol ta' kostruzzjoni ta' appartamenti li jiġu fuq il-parti ta' wara tas-sit, u wara sar xogħol ta' kostruzzjoni ta' appartamenti li jiġu fuq il-parti ta' quddiem tas-sit. Qal li ntużat din l-istrateġija sabiex ma jkunx hemm il-ħtieġa li fuq is-sit jintuża *tower crane,* u b'hekk jitnaqqas l-inkonvenjent u r-riskju għall-ġirien. Qal li biex inbnew l-appartamenti ta' wara, kien hemm bżonn li fuq is-sit jidħol *crane* żgħir f'partijiet tal-proprjetajiet adjaċenti. Ix-xhud qal li Brian Zammit lesta l-ewwel stadju ta' kostruzzjoni ta' appartamenti fuq in-naħa ta' ġewwa tas-sit f'Novembru tal-2005, u wara beda x-xogħol fuq l-appartamenti li jagħtu direttament fuq it-triq. Qal li dan ix-xogħol sar f'Jannar tal-2006, u fl-ebda stadju ta' dan ix-xogħol ma kien hemm il-ħtieġa li jintuża *crane* fuq l-arja tal-proprjetajiet adjaċenti. Ix-xhud

qal li sa Jannar tal-2006, kull xogħol li seta' kkawża ħsara fil-proprjetà tar-rikorrenti kien lest.

## **Is-Sentenza Appellata**

12. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Marzu, 2019, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li filwaqt li Chris Cuschieri f'ismu personali mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, iddeċidiet li s-soċjetà Krigar Developments Ltd hija leġittima kontradittriċi u għalhekk għandha twieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti, ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u ddikjarat li s-soċjetà Krigar Developments Ltd hija responsabbli għall-ħsarat ikkawżati fil-fond tar-rikorrenti, illikwidat id-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' €10,288.84, u kkundannat lis-soċjetà intimata tħallas id-danni hekk likwidati minnha, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Għalkemm il-konvenuti ma ppreżentawx l-att tal-akkwist imsemmi minn dawn ix-xhieda, u in verità lanqas ġie mitlub mill-atturi bħala konferma ta' dak affermat minnhom, il-Qorti tqis li huwa plawsibbli u ferm probabbli li l-fond "The Studio", Qrejten Street, Gwardamangia, Msida, ġie akkwistat mis-soċjetà konvenuta Krigar Developments Ltd. u mhux mill-konvenut Cuschieri f'ismu personali u huwa daqstant ieħor plawsibbli u ferm probabbli li x-xogħlijiet ta' twaqqigħ tal-fond u kostruzzjoni ta' struttura ġdida saru fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta u mhux tal-konvenut Cuschieri f'ismu personali, u dana billi l-attur Raymond Spiteri stess xehed illi* l-avviż tal-MEPA fuq barra kien fuq il-kumpannija mħarrka (ossia s-soċjetà konvenuta Krigar Developments Ltd.). Anke meta beda biex ibiegħ l-avviż kien juri l-kumpannija *(fn. 12 – affidavit tal-attur Raymond Spiteri* a fol. *19 sa 21 tal-proċess). Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u ċioe li l-konvenut Cuschieri f'ismu personali ma huwiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi*

*u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, hija ġustifikata u bħala tali għandha tiġi milqugħa.*

*Il-konvenuti jeċċepixxu wkoll li anke s-soċjetà konvenuta Krigar Developments Ltd. ma hijiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi peress illi kwalsiasi żvilupp imsemmi minnhom sar minn terzi li mhux biss huma magħrufa lill-atturi iżda wkoll li magħhom l-atturi stabbilew relazzjoni ġuridika diretta.*

*In sostenn ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut Chris Cuschieri xehed illi* nixtieq nispjega wkoll li Krigar Developments Ltd. ma għamlitx ix-xogħol ta' kuntrattur hija stess iżda kkummissjonat ix-xogħlijiet b'appalt lil terz kuntrattur. Għax-xogħlijiet imsemmija, Krigar Developments Ltd. qabbdet lill-kumpannija Central Asphalt Limited, magħrufa bħala "Taz-Ziza", Labour Avenue, Naxxar, li hija kumpannija magħrufa li tagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni tajba u skont is-sengħa u l-arti. Ngħid illi peress li l-kumpannija Krigar Developments Ltd. qatt ma wettqet xogħlijiet li minnhom jilmentaw l-atturi konjugi Spiteri u li allegatament u skont il-verżjoni tal-istess atturi jgħidu li setgħu wasslu għal xi ħsarat, lanqas il-kumpannija Krigar Developments Ltd. ma kellha tiġi mħarrka (*fn. 13 – affidavit ta' Chris Cuschieri, paras. 7 u 8 a fol. 73 u 74 tal-proċess). Fir-rigward xehed ukoll il-Perit Caruana Montaldo li ddikjara:* il-kumpannija Krigar Developments Ltd. ma għamlitx hija x-xogħlijiet ta' kuntrattur iżda inkarigat lill-kumpannija Central Asphalt Limited magħrufa bħala "Iz-Ziza", Labour Avenue, Naxxar. Nixtieq ngħid ukoll li l-kumpannija Krigar Developments Ltd. mhijiex kumpannija li tagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Mill-esperjenza tiegħi ta' Perit, il-kumpannija li inkarigajna sabiex tagħmel ix-xogħlijiet hija kumpannija serja, kompetenti u li ilha għaddejja f'dan il-qasam għal ħafna żmien (*fn. 14 – affidavit tal-Perit Edgar Caruana Montaldo, para. 4(iii) u (iv) a fol. 86 tal-proċess).*

*Biex ikomplu jsaħħu l-eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti ressqu bħala xhud lil Emanuel Vella, Manager mas-soċjetà Central Asphalt Limited, illi ddikjara li:* il-kumpannija Central Asphalt Limited, magħrufa bħala "Taz-Ziza", Labour Avenue, Naxxar, hija kumpannija magħrufa sew u li tagħmel xogħlijiet ta' twaqqigħ ta' bini, skavar ta' blat u kostruzzjoni tajba u skont is-sengħa u l-arti. Ilna naħdmu f'dan il-qasam għal dawn l-aħħar 30 sena. Il-kumpannija Central Asphalt Limited kienet ġiet ikkummissjonata bħala kuntrattur mill-kumpannija Krigar Developments Ltd. sabiex tagħmel xogħlijiet ta' twaqqigħ u skavar ta' dar li kienet xtrat il-kumpannija Krigar Developments Ltd. li kien jisimha "The Studio", Qrejten Street, Gwardamangia, Msida. Il-kumpannija Central Asphalt Limited kellha wkoll tagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' garaxxijiet u appartamenti fuq dan is-sit, skont il-permessi relattivi. Krigar Developments Ltd. ma għamlitx ix-xogħol ta' kuntrattur hija stess iżda kkummissjonat ix-xogħlijiet b'appalt

lill-kumpannija Central Asphalt Limited (*fn. 15 - affidavit ta' Emanuel Vella, paras. 2 sa 5 a fol. 123 tal-proċess).*

*Nonostante dak affermat minn dawn ix-xhieda, il-Qorti tosserva li huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li* non può un vicino esimersi dall'obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri; contro questi comporterebbe tutto al più un diritto si rivalsa (*fn. 16 – Borg vs. Falzon, Vol. III pg. 16; Joseph Bonnici vs. John Mizzi et, Ċitazz. Nru. 1598/92 deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Marzu, 2003; Saviour Brincat et vs. Salina Estates Limited et, Appell Ċivili Nru. 510/99 deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar, 2004). Fid-dawl ta' tali prinċipju jirriżulta li s-soċjetà konvenuta Krigar Developments Ltd. qua proprjetarja tal-fond adjaċenti għall-fond tal-atturi, għad illi inkarigat lil terzi biex jesegwixxu xogħlijiet ta' twaqqigħ u konsegwenti kostruzzjoni u żvilupp fil-fond proprjetà tagħha, xorta waħda tibqa' responsabbli verso l-ġirien tagħha, ossia l-atturi, għal kwalunkwe ħsarat minnhom sofferti* a causa *ta' tali xogħol ta' twaqqigħ, kostruzzjoni u żvilupp. Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti li bis-saħħa tagħha essenzjalment jitolbu li anke s-soċjetà konvenuta Krigar Developments Ltd. tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, ma hijiex ġuridikament sostenibbli u bħala tali ma tistħoqqx li tiġi milqugħa.*

*Ġiet sollevata wkoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-liġi jipprovdi li* l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn.

*Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut Chris Cuschieri, wara li ta rendikont kronoloġiku tal-iżvilupp li sar fil-proprjetà akkwistata mis-soċjetà konvenuta Krigar Developments Ltd., iddikjara li* minn dan kollu jirriżulta illi kull talba jew azzjoni għal ħlas ta' danni da parti tal-atturi konjugi Spiteri hija preskritta għaliex għaddew aktar minn sentejn minn meta l-ħsarat setgħu ġew ikkaġunati. Ngħid illi l-kawża li fiha qiegħed nixhed ġiet ippreżentata nhar it-22 ta' April, 2008. Il-ħsarat li setgħu saru waqt id-demolizzjoni u twaqqigħ tad-dar mixtrija minn Krigar Developments Ltd., jekk saru, saru bejn ix-xahar ta' Jannar tas-sena 2005 u x-xahar ta' Mejju tas-sena 2005. Il-ħsarat li setgħu saru waqt il-kostruzzjoni b'mod partikolari l-konkos li l-atturi konjugi Spiteri jgħidu li waqa' fuq il-bejt tagħhom, jekk saru, saru bejn ix-xahar ta' Mejju tas-sena 2005 u x-xahar ta' Novembru 2005. Mix-xhieda tal-attriċi Mary Rose Spiteri in kontro-eżami jirriżulta li għaddew iktar minn sentejn mill-ħsarat li l-atturi jgħidu li ġarrbu qabel ma infetħet il-kawża. Għalhekk insostni li ladarba għaddew aktar minn sentejn minn meta l-atturi allegatament ġarrbu l-ħsarat, it-talba tagħhom hija preskritta. Ir-rikors li bih inbdiet din il-kawża jagħti x'jifhem li kienet saret ittra uffiċjali

qabel ma nfetħet il-kawża. Dan huwa minnu però la jiena u lanqas il-kumpannija Krigar Developments Ltd. qatt ma rċevejna din l-ittra. ... Nixtieq inżid li għalkemm kien hemm okkażjonijiet meta jiena u l-atturi konjugi Spiteri iddiskutejna l-pretensjoni tagħhom għal danni, jiena dejjem għamiltha ċara li kull diskors li ngħad kien fuq bażi strettament ta' mingħajr preġudizzju, kif anke l-attriċi Mary Rose Spiteri xehdet waqt il-kontro-eżami tagħha (*fn. 17 - affidavit ta' Chris Cuschieri, paras. 10, 11, 12 u 13 a fol. 75 u 76 tal-proċess*).

*Minn qari akkurat tar-rendikont kronoloġiku tal-iżvilupp li ta Chris Cuschieri jirriżulta li huwa jillimita dan ir-rendikont għall-fażi ta' twaqqigħ tal-fond eżistenti u għall-ewwel stadju tat-tlugħ tal-istruttura l-ġdida li skontu ġew itterminati rispettivament f'Mejju tal-2005 u f'Novembru tal-2005. Huwa evidenti għalhekk li Chris Cuschieri u per konsegwenza anke s-soċjetà konvenuta Krigar Developments Ltd., jikkontendu li l-ħsarat reklamati mill-atturi fil-fond di proprjetà tagħhom seħħew, skonthom addirittura jekk verament seħħew, biss u esklussivament fi u* a causa *ta' dawn iż-żewġ stadji partikolari u li sa żmien massimu sa Jannar 2006 kwalunkwe xogħol li seta' kkawża ħsarat fil-fond tal-atturi kien lest. Di fatti huwa jagħlaq ir-rendikont kronoloġiku tal-iżvilupp bil-mod segwenti:* is-sub-appaltatur imsemmi, Brian Zammit (*li kien inkarigat mill-kostruzzjoni*) lesta l-ewwel stadju ta' kostruzzjoni tal-appartamenti fuq in-naħa ta' ġewwa tas-sit fix-xahar ta' Novembru tas-sena 2005. Wara dan l-istadju ta' xogħlijiet tlesta, inbeda t-tieni stadju u ċioe l-bini tal-appartamenti li jagħtu direttament fuq it-triq. Ngħid illi dawn ix-xogħlijiet saru fix-xahar ta' Jannar tas-sena 2006 u illi għal dan l-istadju l-ebda '*crane*' ma kien jgħaddi minn fuq l-arja tal-proprjetà tal-atturi konjugi Spiteri billi issa ma kienx aktar possibbli li jidħol '*crane*' fis-sit la kien qiegħed jinbena fuq il-parti ta' quddiem u l-makkinarju kollu kien intrema fit-triq u dan kif jidher mir-ritratti hawn annessi u mmarkati bħala Dokument CC3. Għalhekk sax-xahar ta' Jannar tas-sena 2006 kull xogħol li seta' kkaġuna ħsara lill-atturi l-konjugi Spiteri kien lest (*fn. 18 - affidavit ta' Chris Cuschieri, paras. 9(f) u (ġ) a fol. 75 tal-proċess).*

*Mill-provi prodotti mill-atturi però jirriżulta li huma ma humiex qed jikkontendu li l-ħsarat fil-fond proprjetà tagħhom ġew ikkawżati biss u esklussivament fi u* a causa *tal-fażi tat-twaqqigħ tal-fond eżistenti u tal-ewwel stadju tat-tlugħ tal-istruttura l-ġdida, anzi kjarament għal dak affermat mill-konvenut Chris Cuschieri, jgħidu li l-ħsarat fil-fond di proprjetà tagħhom ġew ikkawżati b'konsegwenza tal-kors kollu tal-iżvilupp fil-proprjetà adjaċenti għall-fond tagħhom. Fir-rigward l-attur Raymond Spiteri xehed illi:* fi Frar 2004 ġab il-kuntratturi biex iwaqqgħu d-dar ta' ma' ġenbna u ħlief storbju ma kellniex ... Sadanittant daħlet ix-xitwa sew u kien daħlilna xebgħa ilma. Dan għamel ħsara fil-*vertical blinds* tal-*ispare bedroom* u fl-istess kamra l-*wall*

*paper* inqala' minn postu. Saret ħsara fil-kwardarobba u saret ħsara. Il-ħwejjeġ kollha, ilbiesi, flokkijiet, qliezet u oħrajn. Il-ħwejjeġ immuffaw. L-ilma għamel ħsara fit-taraġ u fit-tromba. Iż-żebgħa intefħet minn barra u dehru aktar konsenturi li ħarġu. Fil-garage daħlilna ħafna ilma u għamlet ħsara wkoll li ntefħet iż-żebgħa. Meta kienu qed jagħmlu x-xogħol kienu ċaqilqu xi ċnagen fil-garage, u għalhekk aktar daħal l-ilma. Fil-kamra tal-pranzu daħal ilma, intefħet iż-żebgħa u mtliet bil-moffa wkoll. Saret ħsara lil diversi oġġetti u ornamenti li kellna. Saħansitra *frames* tbewqu minn wara u ma nistgħux nużawhom iżjed. ... Darba waqt li kienu qed itellgħu, il-mara telgħet fuq il-bejt u sabet li ħarbilhom il-pipe tas-siment (jew katusa li twaddab il-konkos) u mlew kullimkien. Il-ħitan tal-graffiato, il-*barbecue*, twieqi u *nets* u *insect screens* tal-aluminium u anke s-saqaf tal-bejt kienu mimlija siment. It-*tegole* tal-*gazebo* mtlew ukoll, u jkollna nibdluhom għax dan ma jinqalax. Jien ġibt lin-nies biex jirranġawh u ħallasthom, imma ma rnexxilhomx. Meta kienu qed inaddfu t-*tegole*, il-Perit Caruana Montaldo kien qalilhom biex jieqfu għax kienu qed jinbarxu t-*tegole*. Meta bdew jagħtu s-soqfa aktar żdied is-siment li waqa' fuq dawn l-oġġetti u ħwejjeġ li semmejt. ... Imbagħad staqsejna lil Chris Cuschieri jekk nistgħux nibdew insewwu l-ħsarat f'xi kmamar għax iż-żmien kien qed joqrob għat-tieġ tat-tifla, Greta, illum miżżewġa Ellul. Konna nitkellmu miegħu ħalli ma jsirx xogħol doppu u fejn ma kienx hemm periklu li se ssir xi ħsara oħra. Hu qalilna "iva tistgħu tibdew mill-*main bedroom*". Din kemm kellna nagħtu passata s-saqaf għax kienet bil-*wall paper.* Konna diġà għamilniha sena qabel. Allura ma tantx kellna xogħol fiha. Għamilnieha u lestejnieha. Kien il-Ħamis ġurnata qabel il-Ġimgħa l-Kbira u l-ħaddiema ġew jaħdmu. Bdew itajru s-siment żejjed li kien baqa' u kienu qed jiksu. Kienu qed ibaqqnu wkoll f'xi partijiet. Għal xi l-ħamsa waqfu. Filgħaxija kif morna fis-sodda ġie l-għarus tat-tifla, biex ikellimna, u nduna li hemm xi ħaġa wara rasna u dak il-ħin ħadna xokk ieħor. Indunajna li faqgħu l-ħajt bil-*wall paper* b'kollox u għadu hekk sal-ġurnata ta' llum. L-għada fil-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 2007 qbadna u l-ewwel xogħol ċempilna lil Chris Cuschieri, u għednielu biex jiġi jarah, u qalilna "ok issa niġi għax ma nistax niġi issa". Sa xahar qabel dejjem kien jaċċertana li se jieħu ħsieb il-ħsarat. Dik inhar tal-Ġimgħa l-Kbira qata' kull kuntatt. Aħna waqafna li nagħtu aktar dawl u l-ilma. Minħabba li kellna t-tieġ tat-tifla kelli nqabbad lin-nies biex jagħmluli x-xogħol speċjalment biex ineħħu ż-żebgħa li kienet intefħet speċjalment fit-taraġ u t-tromba. Il-kamra tal-*main bedroom* ħallejniha hekk sa llum (*fn. 19 - affidavit tal-attur Raymond Spiteri, fol. 19 sa 21 tal-proċess).*"

*Minn din ix-xhieda tal-attur, liema xhieda ma ġietx kontestata u kontradetta mill-konvenuti in kwantu lanqas sar kontro-eżami tal-istess attur, jirriżulta li l-ħsara fil-fond tal-atturi baqgħet timmanifesta ruħha sa lejliet il-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 2007*

*u għalhekk kwalunkwe terminu ta' preskrizzjoni se mai beda jiddekorri minn dakinhar u mhux minn Jannar 2006 jew addirittura, kif pretiż mill-konvenuti, minn Novembru 2005. Li l-ħsara fil-fond tal-atturi baqgħet timmanifesta ruħha sal-2007 jirriżulta wkoll mill-fatt li l-atturi bdew jesegwixxu xi xogħol rimedjali – in kwantu kienet waslet biex tiżżewweġ it-tifla tagħhom – b'effett minn April/Mejju 2007, hekk kif jirriżulta mill-fatturi esebiti mill-attur a fol. 32 tal-proċess. Għaldaqstant jiġi ribadit illi t-terminu preskrittiv ta' sentejn stipulat fl-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta beda jiddekorri b'effett minn lejliet il-Ġimgħa l-Kbira tal-2007, ossia mill-5 ta' April, 2007, u ċertament mhux qabel.*

*Il-proċeduri odjerni ġew istitwiti fit-22 ta' April, 2008 (fn. 20 - rikors promutur fol. 1 tal-proċess) u Chris Cuschieri ġie notifikat fis-27 ta' Frar, 2009 (fn. 21 - fol. 13 tal-proċess). Minn dan jirriżulta għalhekk li l-azzjoni odjerna ma hijiex preskritta. Konsegwentement, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-konvenuti ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.*

*Fil-mertu l-konvenuti jeċċepixxu li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi peress illi huma jew min minnhom ma kkaġunaw ebda dannu lill-atturi fil-bini tagħhom kif minnhom allegat. Fir-rigward il-konvenut Chris Cuschieri xehed:* il-ftehim li l-'*crane*' jgħaddi minn fuq l-arja tal-proprjetà tal-atturi l-konjugi Spiteri sar direttament mas-sub-appaltatur Brian Zammit u dan kif ġie lili kkonfermat kemm mill-attriċi Mary Rose Spiteri kif ukoll minn Brian Zammit. Għalhekk jekk waqa' xi konkos fuq il-bejt tal-atturi huma kellhom ikellmu lil Brian Zammit la għamlu l-ftehim miegħu. L-istess dwar it-talba tal-atturi Spiteri għall-ħlas ta' kontijiet tad-dawl u ilma. Il-ftehim kien sar direttament ma' Brian Zammit u l-atturi konjugi Spiteri kkonfermaw miegħi li huma kienu qegħdin jistennew ħlas tal-istess mingħandu. Tant kemm l-atturi jafu lil dan Brian Zammit li l-attriċi Mary Rose Spiteri issemmieh b'ismu waqt ix-xhieda tagħha. Dwar il-ħsara li saret fil-katusi, din ma saritx mill-kumpannija Krigar Developments Ltd. u wisq inqas minni. Fil-fatt anki l-attriċi Mary Rose Spiteri dan xehditu u qalet li din il-ħsara saret mill-kuntrattur. Dwar il-ħsarat rigward il-garaxx tal-atturi l-konjugi Spiteri, dawn kienu hemmhekk qabel ma nbeda x-xogħol fis-sit peress illi meta l-atturi xtraw dan il-garaxx, kien fih diversi ħsarat li kienu fil-katusi tas-saqaf u affarijiet oħrajn u dawn il-ħsarat kienu għadhom ma ssewwewx meta nbdew ix-xogħlijiet. Ngħid li la jiena u lanqas il-kumpannija Krigar Developments Ltd. ma għandna nagħmlu tajjeb għal ħsarat li jekk saru, ma sarux minna (*fn. 23 - affidavit ta' Chris Cuschieri, paras. 15 sa 18 a fol. 76 u 77 tal-proċess).*

*Il-Perit Edgar Caruana Montalto, li kif ġia iktar 'il fuq osservat huwa l-azzjonist u d-Direttur l-ieħor fis-soċjetà konvenuta Krigar Developments Ltd., iddikjara li* l-garaxx tal-atturi konjugi Spiteri li xtraw mingħand Fino Ferramenta kellu ħsarat qabel ma nbeda x-xogħol fis-sit tal-kumpannija Krigar Developments Ld. Kien fih diversi ħsarat li kienu fil-katusi tas-saqaf kif ukoll fit-travi u s-soqfa tal-konkos. Dan jiena nafu għaliex bħala parti mill-applikazzjoni għall-iżvilupp mal-MEPA kont aċċedejt f'dan il-garaxx u ħejjejt *condition report* tal-proprjetajiet adjaċenti għas-sit tal-kumpannija Krigar Developments Ltd. Kont aċċedejt nhar it-13 ta' Novembru, 2004 u ħejjejt ir-rapport nhar it-18 ta' Novembru, 2004, kopja ta' liema qiegħda tiġi annessa ma' dan l-*affidavit* u nimmarkaha bħala Dokument ECM1. Minn dan ir-rapport jirriżulta l-ħsarat li kien fih il-garaxx imsemmi. Nixtieq inżid li jiena konta aċċedejt ukoll fil-*maisonette* tal-konjugi Spiteri nhar it-13 ta' Novembru, 2004 u rriżulta li kien hemm xi qsim fis-saqaf tal-kamra tal-pranzu, xi madum ma kienx imqiegħed sew fil-kċina u fil-kamra tal-banju u fil-*washroom* kif ukoll xi fili tal-madum miftuħin u kien qiegħed jidħol xi ilma mill-bejt tal-*washroom.* Kopja tar-rapport relattiv qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument ECM2 (*fn. 24 - affidavit tal-Perit Edgar Caruana Montalto, paras. 4(vii) u 5 a fol. 86 u 87 tal-proċess).*

*Mix-xhieda ta' Chris Cuschieri jirriżulta illi l-kontestazzjoni ċentrali hija li għal kwalunkwe ħsara li ġiet ikkawżata fil-fond tal-atturi fil-kors tal-iżvilupp fil-proprjetà tas-soċjetà konvenuta u għal kwalunkwe rimbors għall-ħlas ta' dawl u ilma fornit mill-atturi tul il-kors tal-iżvilupp imsemmi, għandu jirrispondi s-sub-appaltatur Brian Zammit li, skont Cuschieri, kellu arranġament dirett mal-atturi hekk kif, dejjem skont Cuschieri, jirriżulta mill-kontro-eżami tal-attriċi Mary Rose Spiteri u minn konferma ta' dan l-istess Brian Zammit.*

*Il-Qorti hawn tirrileva li Brian Zammit ma xehedx f'dawn il-proċeduri u għalhekk kwalunkwe referenza għal li seta' qal l-istess Zammit għandha tiġi skartata, u tirrileva wkoll li kuntrarjament għal dak affermat minn Chris Cuschieri, l-attriċi Mary Rose Spiteri fl-ebda stadju, wisq inqas in kontro-eżami ma ddikjarat li hi u żewġha kellhom xi arranġament dirett ma' dan Brian Zammit. In effetti fil-kontro-eżami tagħha l-attriċi ddikjarat* jiena niftakar li kien hemm okkażjoni minnhom meta l-kuntrattur kien qed jgħaddi bil-bajla tal-konkos minn fuq l-arja tal-bejt tagħna. Mhux minnu li qabel għamel dan il-kuntrattur kien talabni permess. Jiena nerġa' niċħad li Brian Zammit kien talabni l-permess biex jgħaddi minn fuq l-arja tiegħi. Brian Zammit jidhirli li hu wieħed mill-kuntratturi li ħadem fuq il-post. Meta jien lil Brian Zammit kont inkellmu fuq ix-xogħol sempliċiment kont ngħidlu biex ma jagħmilx ħmieġ u ħsara ... Jiena nikkonferma li lill-kuntrattur kont qed nagħtih u nipprovdih bid-dawl u ilma, però ma kienx il-kuntrattur li talabhomli, kien il-konvenut li kien qalli biex inforni l-kuntrattur

bid-dawl u l-ilma (*fn. 25 - kontro-eżami tal-attriċi Mary Rose Spiteri waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju, 2012, fol. 60 sa 63 tal-proċess).*

*Iċċarat dan il-punt il-Qorti mill-ġdid ittenni li s-soċjetà konvenuta ma tistax taħrab mir-responsabbiltajiet tagħha fil-konfront tal-atturi billi tallega li jekk saret xi ħsara din ġiet ikkawżata mill-kuntratturi u mhux minnha u għalhekk ma għandhiex twieġeb għaliha hi. Tant hu hekk li l-Qorti ġia osservat u kkunsidrat li l-eċċezzjoni li s-soċjetà konvenuta ma hijiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi ma hijiex ġustifikata u għandha tiġi miċħuda.*

*In kwantu rigwarda l-ħsarat fil-fond tal-atturi l-Qorti hi tal-fehma li l-atturi irnexxielhom jippruvaw b'mod sodisfaċenti li ġew kawżati ħsarat fil-fond tagħhom tul il-kors tal-iżvilupp fil-proprjetà tas-soċjetà konvenuta, inkluż il-fażi tat-twaqqigħ, u li tali ħsarat ġew fil-fatt ikkawżati minħabba x-xogħlijiet esegwiti tul dan l-iżvilupp.*

*Għalkemm fl-atti hemm żewġ* condition reports *dwar il-fond tal-atturi, dak tal-Perit Richard Aquilina a fol. 32 tal-proċess u dak tal-Perit Caruana Montalto a fol. 99 tal-proċess, li f'ċerti aspetti jistgħu jitqiesu li sa ċertu punt jikkontradiċu lil xulxin speċjalment fl-osservazzjonijiet dwar il-madum u dwar is-soqfa, minn paragun bejn ir-ritratti esebiti mill-Perit Caruana Montalto a fol. 100 sa 106 tal-proċess u r-ritratti esebiti mill-attur a fol. 32 tal-proċess, jirriżulta ferm ċar deterjorament qawwija fil-fond tal-atturi, liema deterjorament fil-fehma tal-Qorti bla dubju ta' xejn seħħ tul il-kors u* a causa *tal-iżvilupp fil-fond tas-soċjetà Krigar Developments Ltd. Is-sitwazzjoni hija kemm xejn differenti għal dak li jirrigwarda l-allegata ħsara fil-garage di proprjetà tal-atturi. Mir-ritratti esebiti mill-Perit Caruana Montalto jirriżulta b'mod ċar li l-garage ġia kien fi stat ta' manutenzjoni ħażina qabel ma nbdew ix-xogħlijiet u allura l-Qorti ma tistax tgħid fiċ-ċert, u dan lanqas fuq bażi ta' probabbilità, li ġew ikkawżati ħsarat ulterjuri fil-garage. Detto ċiò jiġi osservat illi fil-prospett tal-ħsarat esebit mill-attur* a fol. *32 ma jirriżultax li hemm inklużi wkoll il-ħsarat fil-garage.*

*Kif jirriżulta mill-imsemmi prospett (fn. 26 - fol. 32 tal-proċess) esebit mill-attur Raymond Spiteri meta xehed fil-11 ta' Ottubru, 2010 (fn. 27 - fol. 33 tal-proċess), id-danni pretiżi mill-atturi jammontaw għal* ***€10,288.84****. Il-*quantum *tad-danni hekk pretiżi mill-atturi ma ġiex kontestat u/jew kontradett mis-soċjetà konvenuta li in verità tramite x-xhieda ta' Chris Cuschieri u tal-Perit Caruana Montalto, illimitat il-kontestazzjoni tagħha – għad illi kienet ben konsapevoli mill-ammont ta' danni reklamat u pretiż mill-atturi – għall-kwistjoni tar-responsabbilità għad-danni. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li għandha tilqa' l-ammont ta' danni pretiżi mill-atturi u b'hekk tillikwida d-danni dovuti mis-soċjetà konvenuta Kriger Developments Ltd. lill-atturi fis-somma ta' €10,288.84.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:*

1. *Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut Chris Cuschieri f'ismu personali ma huwiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;*
2. *Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta Krigar Developments Ltd. hija leġittimu kontradittur tal-atturi u għandha twieġeb għat-talbiet tagħhom;*
3. *Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u konsegwentement*
4. *Tilqa' t-talba attriċi u filwaqt li tiddikjara li s-soċjetà konvenuta Krigar Developments Ltd. hija responsabbli għall-ħsarat kawżati fil-fond "Sabrain", Triq Qrejten, Msida, meta hija kienet qed tiżviluppa l-proprjetà attigwa għall-proprjetà tal-atturi, tillikwida d-danni dovuti fis-somma ta' €10,288.84; u*
5. *Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' €10,288.84, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.*

*Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kollha relattivi għal dawn il-proċeduri, inklużi dawk relattivi għall-konvenut Chris Cuschieri, għandhom jibqgħu a karigu esklussiv tas-soċjetà konvenuta Krigar Developments Ltd.*

## L-Appell

13. Is-soċjetà appellanta ressqet l-appell tagħha mis-sentenza appellata fil-25 ta' Marzu, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tilqa' dan l-appell u konsegwentement tibdel, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata ta' nhar it-12 ta' Marzu, 2019, fl-ismijiet premessi ossia* ***Raymond Spiteri u martu Mary Rose Spiteri vs Chris Cuschieri f'ismu u għan-nom ta' Krigar Developments Ltd.*** *(rikors bin-numru 171/2008/GV) billi:*

1. *Filwaqt li tikkonfermaha inkwantu laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u filwaqt li ddikjarat li l-konvenut Chris Cuschieri f'ismu*

*personali ma humiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u ddikjarat illi l-kumpannija esponenti Krigar Developments Ltd. hija leġittima kontradittur tal-atturi u għandha twieġeb għat-talbiet tagħhom;*
3. *Tħassarha u tirrevokaha inkwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni anke jekk parzjalment;*
4. *Tħassarha u tirrevokaha inkwantu laqgħet it-talba attriċi u filwaqt illi ddikjarat illi l-kumpannija esponenti Krigar Developments Ltd. hija responsabbli għall-ħsarat ikkawżati fil-fond "Sabrain", Triq Qrejten, Msida, meta hija kienet qed tiżviluppa l-proprjetà attigwa għall-proprjetà tal-atturi appellati, illikwidat id-danni dovuti fis-somma ta' €10,288.84 u kkundannat lill-kumpannija esponenti tħallas lill-atturi appellati l-imsemmija somma ta' €10,288.84, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament u minflok filwaqt illi okkorrendo tilqa' l-ħames (5) eċċezzjoni tal-kumpannija esponenti, tiċħad it-talbiet attriċi;*
5. *F'kull każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, tħassarha u tirrevokaha in kwantu ordnat illi l-kumpannija esponenti tħallas l-ispejjeż kollha ta' dina l-kawża inklużi dawk relattivi għall-konvenut Chris Cuschieri;*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati."*

Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata bis-sentenza appellata għal erba' raġunijiet ewlenin: - (i) l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnha kellha tintlaqa' almenu *in parte*; (ii) f'kull każ, id-danni reklamati mill-appellati ma ġewx ippruvati skont il-liġi; (iii) L-ewwel Qorti ma kellhiex takkorda l-ħlas ta' mgħax fuq stejjem; (iv) is-soċjetà appellanta ma kellhiex tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha ladarba rriżulta li l-intimat Chris Cuschieri personalment ġie mħarrek inutilment.

14. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 sollevata minnha, kellha tiġi aċċettata almenu *in*

*parte*. Spjegat li hija ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li din l-eċċezzjoni kellha tiġi miċħuda għaliex il-ħsara fil-fond tal-appellati baqgħet timmanifesta ruħha almenu sal-2007. Qalet li dan il-każ ma kienx dwar il-perkolazzjoni tal-ilma minn fond għal ieħor, iżda huwa każ fejn minħabba l-iżvilupp ta' proprjetà adjaċenti għal dik tal-appellati, l-appellati allegaw li sofrew diversi ħsarat, inkluż f'oġġetti mobbli fid-dar tagħhom. Żiedet tgħid li f'dan il-każ l-appellati ma qalux li l-ħsarat sofferti minnhom ġew ikkawżati minn xi azzjoni kontinwa da parti tal-appellanta, iżda fix-xhieda tagħhom l-appellati qalu li ħafna minn dawn il-ħsarat ġew ikkawżati waqt id-demolizzjoni u l-iżvilupp tal-proprjetà kontigwa għal tagħhom. Is-soċjetà appellanta qalet li ħafna mill-ħsarat ma kinux min-natura tagħhom kontinwi iżda istantaneji, u għamlet riferiment għall-episodju li seħħ lejliet il-Ġimgħa l-Kbira tal-2007 meta l-appellati indunaw b'kantun imċaqlaq fil-kamra tas-sodda tagħhom u bit-tqattigħ fil-*wallpaper.* Qalet li b'daqshekk ma jfissirx li t-terminu preskrittiv kellu jibda jiddekorri minn dakinhar, u f'kull każ huwa t-terminu preskrittiv applikabbli għal dik il-ħsara partikolari biss li kellu jibda jgħaddi minn dakinhar. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi minn meta kellu jibda jgħaddi t-terminu preskrittiv, u għamlet riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 2137 tal-Kap. 16, li jgħid li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Żiedet tgħid li f'dan il-każ, il-preskrizzjoni tat-talba tal-appellati bdiet għaddejja minn dakinhar li dawn allegaw li sofrew danni, jiġifieri minn dakinhar meta huma ilmentaw minn diversi ħsarat li seħħew waqt il-fażi tad-demolizzjoni u l-iżvilupp tal-proprjetà adjaċenti għal tagħhom. L-appellanta għamlet riferiment għax-xhieda ta' Chris Cuschieri, tal-Perit Edgar Caruana Montalto u ta' Emanuel Vella bħala prova li t-terminu preskrittiv laħaq

iddekorra qabel ġiet ippreżentata l-kawża odjerna. Spjegat li skont il-kronoloġija tax-xogħlijiet kif saru, ix-xogħol ta' demolizzjoni sar bejn Jannar u Mejju tal-2005, u f'Mejju tal-2005, il-kumpannija Central Asphalt Ltd tat b'sub-appalt lil Brian Zammit ix-xogħol ta' kostruzzjoni kollu. Spjegat li x-xogħol tal-bini tal-appartamenti sar f'żewġ fażijiet, l-ewwel l-appartamenti tal-parti ta' wara tas-sit u sussegwentement inbnew l-appartamenti li jiġu fuq quddiem tas-sit. B'riferiment għax-xhieda ta' Cuschieri, l-appellanta qalet li dan spjega li kull ħsara li setgħu sofrew l-appellati minħabba l-konkos li jgħidu li waqa' fuq il-bejt tagħhom, setgħet saret biss bejn Mejju u Novembru tal-2005. L-appellanta qalet li ladarba ġie stabbilit li x-xogħol li seta' kkawża ħsara lill-appellati kien lest sa Jannar 2006, it-terminu preskrittiv ta' sentejn beda jgħaddi fi Frar tal-2006, u għalhekk f'April tal-2008, meta ġiet ippreżentata l-kawża odjerna, it-terminu preskrittiv kien laħaq għadda. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li l-appellati ma kkontestawx l-eċċezzjoni tagħha li mid-data meta setgħu ġew ikkaġunati d-danni lilhom sad-data meta ġiet ippreżentata din il-kawża, it-terminu preskrittiv laħaq iddekorra. Qalet li kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li l-appellati qalu li l-perijodu preskrittiv ġie interrott. Is-soċjetà appellanta qalet li l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tista' ssir biss permezz tan-notifika ta' ittra uffiċjali lill-parti intimata, u li f'dan il-każ l-ittra li tissemma' fir-rikors promutur ma ġietx notifikata lilha, u għalhekk din ma kellha l-ebda effikaċja interruttiva għall-finijiet tad-dekors tat-terminu preskrittiv. Is-soċjetà appellanta qalet li l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tista' ssir ukoll f'każ li jkun hemm rikonoxximent tad-debitu. Qalet li f'dan il-każ l-appellati mhumiex jistrieħu fuq l-ittra uffiċjali mibgħutha minnhom sabiex isostnu li l-perijodu preskrittiv safa interrott, imma fuq xi laqgħa jew laqgħat li nżammu bejn il-partijiet u l-avukati difensuri

rispettivi tagħhom. Is-soċjetà appellanta qalet li f'dan il-każ intwera li dawn il-laqgħat inżammu fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju, u ma seta' kellhom ebda effett li jinterrompu l-perijodu preskrittiv. L-appellanta qalet ukoll li skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, f'każ ta' dubju, il-preżunzjoni m'għandhiex tkun li l-preskrizzjoni ġiet interrotta. L-appellanta qalet li f'dan il-każ kien jinkombi fuq l-appellati li jġibu prova dwar meta seħħ l-att interruttiv tad-dekors tal-preskrizzjoni, u ladarba dan ma ssemmiex u ma nġabet l-ebda prova dwar tali ċirkostanza, din il-Qorti ma tistax tassumi li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Qalet ukoll li l-fatturi u d-dati li jidhru fuqhom m'għandhomx iservu bħala prova dwar id-data minn meta kellu jibda jiddekorri t-terminu preskrittiv, ladarba tali terminu jibda għaddej minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, jiġifieri minn dakinhar li jsiru l-ħsarat. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ma tistax taqbel lanqas mal-pożizzjoni li ħadet l-Ewwel Qorti li l-ħsara ġiet ikkawżata matul il-kors kollu tal-iżvilupp, għaliex l-appellati mkien ma allegaw dan. Żiedet tgħid li f'dan il-każ l-appellati naqsu li jgħidu meta seħħew il-ħsarat lamentati minnhom u b'liema xogħlijiet ġew ikkawżati, u għalhekk f'dan il-każ l-Ewwel Qorti għamlet assunzjoni li mhix sorretta mill-provi, billi l-appellati ma ressqu l-ebda prova f'dan ir-rigward. Is-soċjetà appellanta qalet li kien għalhekk li hija ħadet ħsieb tagħmel rendikont kronoloġiku tal-fażijiet tal-iżvilupp u meta setgħu seħħew id-danni li minnhom ilmentaw l-appellati, sabiex turi li t-terminu preskrittiv laħaq għadda. B'riferiment għall-kantun imċaqlaq u għall-ħsara fil-*wallpaper* tal-kamra tas-sodda tal-appellati, l-appellanta tgħid li l-appellati qalu biss li huma indunaw b'din il-ħsara lejliet il-Ġimgħa l-Kbira tal-2007, u ma jgħidux meta seħħet tali ħsara. Qalet li dan ma jfissirx li t-terminu preskrittiv kellu jibda jgħaddi minn dakinhar, imma f'kull każ hija qiegħda tissottometti li l-

eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tintlaqa' jekk mhux fl-intier tagħha, almenu f'parti minnha.

15. Dwar il-mertu, is-soċjetà appellanta qalet li l-Ewwel Qorti m'għamlet l-ebda analiżi tal-ħsarat allegati mill-appellati, u filwaqt li rrimarkat li s-soċjetà appellanta ma kkontestatx il-*quantum,* fl-istess waqt ikkonkludiet li hija kellha takkorda l-ammont ta' danni pretiżi mill-appellati. Is-soċjetà appellanta qalet li anki hawn l-Ewwel Qorti kienet żbaljata, għaliex l-appellati naqsu milli jippruvaw id-danni reklamati minnhom. Qalet li minkejja li hija ma qajmitx eċċezzjoni fis-sens li l-ammont mitlub huwa eċċessiv, madanakollu fir-risposta tagħha hija kienet wieġbet li t-talbiet tal-appellati huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li l-appellati ma jistgħux jitqiesu li huma eżonerati milli jressqu prova skont il-liġi. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti qabdet u laqgħet it-talba tal-appellati billi llikwidat id-danni fl-ammont pretiż mill-appellati, mingħajr ma analizzat il-provi mressqa sabiex tara jekk tali provi jirriflettux dak l-ammont. L-appellanta qalet li mill-prospett tad-danni sofferti mill-appellati, jirriżulta li dawn qegħdin jitolbu żewġ tipi ta' danni, *paid items* u allura oġġetti li allegatament l-appellati ħallsu għalihom, u stejjem. L-appellanta qalet li l-appellati kienu qalu li x-xogħlijiet ta' tiswija meħtieġa fil-fond tagħhom kienu laħqu saru, u għalhekk m'għamlux talba għal ħatra ta' perit tekniku ġudizzjarju, imma fl-istess ħin l-istejjem li ppreżentaw ma jagħmlu l-ebda sens jekk mhux sorretti minn irċevuti, għaliex jekk dawn ix-xogħlijiet verament saru, suppost sar ħlas tagħhom u nħarġet xi tip ta' irċevuta. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal kull oġġett imniżżel fl-elenku tal-ispejjeż tal-appellati – hekk pereżempju qalet li t-*tegole roofs & stairs* li għalihom l-appellati talbu l-ammont ta' LM265, ma ġewx mibdula mill-

appellati, u għalhekk it-talba tagħhom f'dan ir-rigward għandha tiġi skartata. Dwar *laying of tegole* fl-ammont ta' LM350, l-appellanta qalet li ladarba t-*tegole* ma nbidlux, lanqas ma jista' jingħad li kien hemm it-tqegħid ta' *tegole* ġodda, u għalhekk l-ebda ammont mhuwa dovut f'dan ir-rigward. Qalet li l-appellati ma ġabu l-ebda prova li huma għamlu xi tip ta' xogħol f'dan ir-rigward. L-appellanta għamlet riferiment għat-tielet oġġett fuq il-lista '*sterling silver frames & other items*' fl-ammont ta' LM150, u qalet li f'dan il-każ ma ġiet prodotta l-ebda irċevuta fir-rigward ta' din il-ħsara allegatament sofferta mill-appellati. Qalet ukoll li l-allegazzjoni tal-appellati li l-oġġetti tal-fidda "immuffaw" mhix asserzjoni kredibbli, u l-appellati ma ġabu l-ebda ritratti bħala prova ta' din l-allegata ħsara sofferta minnhom. Dwar ir-raba' oġġett fuq il-lista, *roof tiles,* fl-ammont ta' LM435, l-appellanta qalet li ma nġabet l-ebda prova li l-madum tal-bejt fil-fatt ġie maqlugħ u mqiegħed mill-ġdid, u minkejja li fl-atti hemm stima fl-ammont ta' LM435, la hemm *letterhead* ta' min ħareġ din l-istima u lanqas huwa ċar din l-istima ta' xiex inhi. Żiedet tgħid li ladarba ma nġabet l-ebda prova li kien hemm il-ħtieġa li jinbidel xi madum, l-ispiża ta' *tile layer* fl-ammont ta' LM465 lanqas ma ġiet ippruvata, u għalhekk lanqas dawn l-allegati danni mhuma ġustifikati. L-*item* '*cleaning of roof*' fl-ammont ta' LM92, is-soċjetà appellanta tgħid li minkejja li ġiet esebita *quotation*, l-ammont ma jaqbilx u lanqas ma ġiet ippreżentata xi prova li dan ix-xogħol fil-fatt sar. B'riferiment għas-seba' u t-tmien *items,* jiġifieri '*letterbox*' u 'poġġaman' fl-ammonti ta' LM20 u LM40 rispettivament, l-appellanta tgħid li hija ma tistax tifhem xi ħsara hija li lmentaw minnha l-appellati f'dan ir-rigward, stante li dawn ma pproduċew l-ebda stima u lanqas irċevuta dwar dan. Dwar id-disa' u l-għaxar *items,* jiġifieri '*stairs tiles outside*' u *'stairs tile laying'* fl-ammonti ta' LM370 u LM180

rispettivament, is-soċjetà appellanta qalet li din ukoll hija tip ta' ħsara li ma ġietx ippruvata. Dwar *wall paper & labour* imniżżel fil-prospett tad-danni fl-ammont ta' LM450, l-appellanta qalet li lanqas għal dan ma ġiet ippreżentata irċevuta. Żiedet tgħid li għal din il-ħsara ġiet ippreżentata *quotation* mingħajr ebda referenza u mingħajr data maħruġa minn 'Cini Interiors' għal tnax-il romblu *wallpaper* u affarijiet oħra. L-appellanta staqsiet x'kienet il-ħtieġa li jiġu akkwistati tnax-il romblu *wallpaper* meta skont l-appellati l-ħsara kienet f'kantun wieħed biss fil-kamra tas-sodda tagħhom. L-appellanta qalet li l-prova hija nieqsa da parti tal-appellati, li f'xi istanzi naqsu milli jgħidu din il-ħsara kif saret u kif is-soċjetà appellanta taħti għal tali ħsara. Żiedet tgħid li meta wieħed jara l-*condition report* tal-Perit Caruana Montalto, jirriżulta li fil-livell tal-bejt tal-fond tal-appellati kien hemm difetti inklużi *loose tiles, water penetration* u *cracks in joints of tiles.* Kompliet tgħid li għalhekk l-appellati kellhom jgħidu jekk is-soċjetà appellanta kkawżatilhomx ħsarat ulterjuri u jekk żdiditx il-ħsara ma' dik li kien hemm qabel inbeda x-xogħol mill-appellanta. Qalet li fin-nuqqas ta' tali prova, l-Ewwel Qorti ma setgħetx taqbad u tillikwida l-ammont pretiż mill-appellati fl-intier tiegħu. L-appellanta għamlet riferiment ukoll għall-oġġetti elenkati taħt '*paid items*', speċifikament għall-ewwel oġġett – *vertical blinds,* fl-ammont ta' LM135, u tgħid li l-appellati ma spjegawx kif hija qatt tista' taħti għal ħsara li wasslet għall-ħtieġa li jinbidlu l-*vertical blinds* fil-proprjetà tagħhom, u f'kull każ l-appellati ma ppreżentaw l-ebda irċevuta. Qalet li l-appellati ppreżentaw biss *quotation,* li bl-ebda mod ma hija prova li sar xi ħlas mill-appellati. It-tieni oġġett elenkat huwa *fixing of alarm* fl-ammont ta' LM7, iżda s-soċjetà appellanta qalet li hawn ukoll l-irċevuta ppreżentata ma turix minn min hija maħruġa. Qalet ukoll li l-appellati ma wrewx kif bix-xogħol li sar, saret ħsara

fis-sistema ta' *alarm* tal-appellati. L-appellanta għamlet riferiment ukoll għall-item *cleaning of gazebo,* fl-ammont ta' LM20, u tgħid li ma jagħmel l-ebda sens li l-appellati jitolbu ħlas għat-tindif tal-*gazebo* meta huma qegħdin jitolbu wkoll spejjeż għall-bdil tal-*gazebo.* B'riferiment għar-raba' *item, electricity & water,* fl-ammont ta' LM400, l-appellanta tgħid li l-appellati ma ppreżentaw l-ebda kont tad-dawl u l-ilma, u ladarba din il-pretensjoni ma ġietx ippruvata, il-pretensjoni tal-appellanta ma tikkwalifikax bħala "danni". Qalet ukoll li l-arranġament dwar is-servizz tad-dawl u l-ilma sar mal-kuntrattur direttament u mhux magħha jew ma' Chris Cuschieri. Is-soċjetà appellanta tagħmel ukoll riferiment għall-*items* elenkati bħala *cleaning top tiles* u *cleaning of windows* fl-ammonti ta' LM8 u LM30 rispettivament, u tgħid li anki f'dan il-każ ma ġiet ippreżentata l-ebda irċevuta jew kont. Qalet ukoll li l-appellati naqsu milli jispjegaw is-soċjetà appellanta x'setgħet għamlet sabiex ġie kkaġunat dan id-dannu. B'riferiment għas-seba' *item, 'Greta's clothes',* fl-ammont ta' LM200, is-soċjetà appellanta qalet li mhux talli f'dan il-każ ma ġiet ippreżentata l-ebda irċevuta, talli huwa għalkollox inkonċepibbli li bix-xogħol ta' demolizzjoni u kostruzzjoni saret ħsara fil-ħwejjeġ tat-tifla tal-appellati. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li bint l-appellati hija maġġorenni u għalhekk f'każ li din kellha xi pretensjoni f'dan ir-rigward, kellha tiftaħ il-kawża hi u mhux il-ġenituri tagħha. L-appellanta għamlet riferiment ukoll għat-tmien *item, 'nets insect screens'* fl-ammont ta' LM10, u tgħid li l-appellati ma ġabu l-ebda prova jew spjegazzjoni dwar kif hija taħti għal tali ħsara. Dwar id-disa' *item,* fl-ammont ta' LM30 għal *stone borders,* l-appellanta tgħid li f'dan il-każ l-appellati wkoll ma ġabu ebda rċevuta u lanqas taw spjegazzjoni dwar kif hija tista' tkun responsabbli għal dan. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment speċifiku wkoll għall-għaxar *item, 'paint of bbq'*

fl-ammont ta' LM10, u tgħid li apparti li ma ġiet ippreżentata l-ebda irċevuta għal dan, lanqas ma ngħatat xi forma ta' spjegazzjoni dwar kif il-*barbeque* kellu bżonn jingħata ż-żebgħa wara li sar ix-xogħol mis-soċjetà appellanta. B'riferiment għall-għaxar u l-ħdax-il *item,* '*gypsum plastering*' u '*water paint & labour*' fl-ammonti ta' LM400 u LM350 rispettivament, is-soċjetà appellanta tgħid li ġiet esebita irċevuta tal-ġibs u l-kisi li tkopri l-ewwel ammont, iżda xejn li jkopri t-tieni ammont. L-appellanta qalet li mill-*condition report* li tħejja mill-Perit Caruana Montalto, jirriżulta li d-dar u l-garaxx kellhom diversi ħsarat u kellhom bżonn tiswija. Qalet li l-appellati bajdu d-dar kollha u issa qegħdin jippretendu li tkun hi li tħallas għax-xogħol ta' manutenzjoni li huma għamlu fid-dar tagħhom. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-kontroeżami tal-appellata, li qalet li meta l-kuntrattur waqqa' s-siment fuq il-proprjetà tagħhom, dan ħa ħsieb inaddaf fil-preżenza tagħha. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li fi kwalunkwe każ l-ebda irċevuta jew stima ma ġiet ikkonfermata bil-ġurament, u għalhekk dawn l-irċevuti li ġew ippreżentati m'għandhom l-ebda valur probatorju.

16. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li fi kwalunkwe każ, l-Ewwel Qorti ma kellhiex takkorda l-ħlasijiet tal-imgħax fuq l-istejjem. L-appellanta qalet li l-fatt li l-avukat difensur tal-appellati vverbalizza li x-xogħlijiet saru minnhom u għalhekk ma għamilx talba għal ħatra ta' perit tekniku ġudizzjarju, ma jfisser xejn, għaliex tali verbal ma jammontax għal prova. Qalet li l-appellati misshom ippreżentaw irċevuti tax-xogħol li sar, xi ħaġa li huma naqsu milli jagħmlu, u għalhekk ma jistgħux jippretendu ħlas tal-imgħax fuq stima redatta minnhom, li mhija kkonfermata u ċertifikata minn ħadd.

17. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li hija ma kellhiex tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha, ladarba jirriżulta li l-appellati ħarrku lil Chris Cuschieri inutilment. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellati kienu jafu li kienet hija il-proprjetarja tal-fond adjaċenti, u li kienet il-kumpannija appellanta li applikat għall-permess għall-iżvilupp tal-proprjetà. L-appellati xehdu li kienu jafu wkoll li l-kumpannija appellanta kienet qiegħda tbigħ il-proprjetà żviluppata minnha, u għalhekk kienu jafu li ma kellhomx iħarrku lil Chris Cuschieri personalment.

L-appellati ma ppreżentaw l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta, imma għamlu s-sottomissjonijiet verbali tagħhom.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

18. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta, fid-dawl tad-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti, kif ukoll fid-dawl tas-sottomissjonijiet verbali li saru mill-appellati.

*L-ewwel aggravju:* *l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni almenu* in parte

19. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta naqset milli tilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni biennali sollevata minnha, almenu *in parte*. Qalet li l-appellati ppremettew li sofrew ħsara minħabba xogħol ta' żvilupp fil-proprjetà attigwa li kienet akkwistata mill-appellanta proprju bl-iskop

li din titwaqqa' u tiġi żviluppata mill-ġdid. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi kellu jirriżulta li ma kien hemm l-ebda azzjoni kontinwa da parti tagħha li wasslet għal ħsara kontinwa fil-proprjetà tal-appellati, u l-ħsarat kollha li dawn ilmentaw minnhom ġew ikkaġunati fl-istadju tad-demolizzjoni u l-kostruzzjoni tal-proġett tagħha. Qalet li dan ix-xogħol ta' demolizzjoni u kostruzzjoni kien kollu lest sa Jannar tas-sena 2006, u għalhekk meta l-appellati fetħu dawn il-proċeduri f'April tal-2008, l-azzjoni tagħhom kienet diġà preskritta, stante d-dekors tat-terminu ta' sentejn minn meta ġiet ikkawżata l-ħsara. L-appellanta qalet li l-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tkun tista' tiġi eżerċitata, u għalhekk f'dan il-każ il-perijodu preskrittiv beda minn dakinhar li l-appellati bdew jilmentaw mill-ħsara fil-proprjetà tagħhom. L-appellanta qalet li f'dan il-każ ma jistax jintqal li kien hemm interruzzjoni tat-terminu preskrittiv għaliex l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-appellati bl-iskop li tinterrompi l-preskrizzjoni, baqgħet ma ġietx notifikata lilha u lill-intimat Chris Cuschieri, u hi min-naħa tagħha qatt ma rrikonoxxiet li hemm xi debitu dovut minnha. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li kwalunkwe laqgħat li nżammu mal-appellati dejjem inżammu fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju, u għalhekk dawn ma kellhomx l-effett li jinterrompu l-perijodu preskrittiv tal-azzjoni.

20. Il-Qorti tqis illi f'dan il-każ il-perijodu preskrittiv applikabbli huwa dak ta' sentejn. L-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li f'dan il-każ l-appellati mhumiex jikkontendu li l-ħsarat fil-proprjetà tagħhom ġew ikkawżati biss u esklussivament minħabba fit-twaqqigħ tal-fond eżistenti u minħabba l-kostruzzjoni ta' numru ta' appartamenti fil-fond attigwu għal dak tagħhom. L-Ewwel Qorti qalet li l-appellati insistew li huma sofrew ħsara kawża ta' dan il-

proġett tul il-kors kollu tal-iżvilupp tal-proprjetà attigwa, u li sa lejlet il-Ġimgħa l-Kbira tal-2007, l-appellati baqgħu jiskopru ħsarat ġodda fil-proprjetà tagħhom. Din il-Qorti kkonsidrat li mill-provi jirriżulta li l-appellat Raymond Spiteri kien staqsa lil Chris Cuschieri jekk setax jibda jirranġa l-proprjetà tiegħu għaliex kienet qiegħda toqrob id-data meta kellha tiżżewweġ bint l-appellati, u dak iż-żmien Cuschieri kien qallu li seta' jibda mill-kamra tas-sodda. L-appellat xehed li kien inkariga xi ħaddiema biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ u meta dawn lestew, dakinhar stess filgħaxija huwa kien sab kantun maqlugħ u ħsara fil-*wallpaper* tal-kamra. Il-Qorti hija tal-fehma li din il-parti tax-xhieda hija konferma li kuntrarjament għall-pożizzjoni li qiegħda tieħu s-soċjetà appellanta, il-ħsara fil-proprjetà tal-appellati kienet waħda li ġrat fuq il-medda taż-żmien kollu li ħa l-proġett tal-appellanta, u ma kinitx ħsara istantanja kif qiegħda tallega l-appellanta. Din il-Qorti semgħet b'interess dak li kellhom xi jgħidu l-avukati difensuri tal-partijiet waqt it-trattazzjoni li saret quddiemha, fejn l-avukat difensur tas-soċjetà appellanta insista li trid issir distinzjoni bejn l-event dannuż, u l-konsegwenzi tal-event dannuż. Filwaqt li huwa minnu li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mal-ewwel manifestazzjoni ta' ħsara, din il-Qorti hija tal-fehma li l-manifestazzjoni tal-ħsara mhux bilfors tirriżulta minnufih kif iseħħ l-event li jikkawża l-ħsara. F'dan il-każ jirriżulta li minkejja li l-ħsarat fil-proprjetà tal-appellati bdew prattikament hekk kif bdew ix-xogħlijiet mis-soċjetà appellanta, il-ħsara fil-proprjetà tal-appellati bdiet tfeġġ u tkun apparenti fi stadji varji tal-proġett. L-appellati speċifikaw li sa lejlet il-Ġimgħa l-Kbira tal-2007 huma indunaw bi ħsara ġdida li huma ħasbu li laqgħu għaliha bix-xogħol li għamlu, u Chris Cuschieri kien serrħilhom moħħhom li ma kinitx ser isseħħ, tant hu hekk li dan tahom parir jibdew bix-xogħol ta' manutenzjoni proprju f'dik il-kamra

partikolari. Dan ifisser li mhux minnu li l-ħsara fil-proprjetà tal-appellati ġrat dakinhar li l-proprjetà attigwa twaqqgħet, jew fl-istadju li kien qiegħed isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni mill-appellanta, iżda kien hemm diversi stadji tal-proġett tal-appellanta li kkawżaw ħsara lill-proprjetà tal-appellati. L-appellat xehed li meta huwa tkellem ma' Chris Cuschieri, huwa kien staqsieh dwar minn fejn kien l-aħjar li jibda jirranġa għaliex kienet ser tiżżewweġ bintu, u dan kien għall-ħabta ta' Marzu tal-2007. Cuschieri kien tah parir jibda mill-kamra tas-sodda tal-fond tal-appellati. Din il-parti tax-xhieda hija prova li anki għas-soċjetà appellanta, kien evidenti dak iż-żmien li kien hemm probabbilità li tibqa' tfeġġ ħsara fil-proprjetà tal-appellati għaliex kien għad fadal xi xogħol x'isir. Li kieku dan ma kienx il-każ, Cuschieri kien jinforma lill-appellat li seta' jibda bix-xogħol minn fejn ried, għaliex ma kienx previst li ssir ħsara ulterjuri fil-fond tal-appellati. Il-Qorti tqis li hawnhekk ikun ta' siwi li tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Helen Schembri et *vs.* Anthony George Zahra noe**[1], fejn intqal:

> "... jeżistu sitwazzjonijiet ta' ċerti impedimenti li jagħmluha impossibbli, jew diffiċli, għall-eżerċizzju tal-azzjoni li tkun, mill-parti. Dan jokkorri, per eżempju, meta l-ammont ta' ħsara jieħu tul ta' żmien biex jiġi determinat, għax il-"ħsara" tirrepeti ruħha kull tant żmien. Ma tistax tinbeda kawża biex fiha jintalab kumpens għall-ħsarat li għadhom ma ġewx kristallizzati, u l-ebda żmien ta' preskrizzjoni ma jista' jitqies li jgħaddi sakemm fil-fatt, il-ħsara tibqa' tiggrava (ara per eżempju, il-każ **Micallef *vs* Direttur tax-Xogħlijiet**, deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2001). Din il-Qorti, f'sentenza riċensuri mogħtija fis-26 ta' Ġunju, 2009 fil-kawża fl-ismijiet **Muscat et *vs* Muscat Scerri et**, kienet osservat hekk f'kuntest simili:
>
> *"... kif qalet ukoll il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Portelli vs Attard**, deċiża fl-20 ta' Marzu, 1997, ma jiġux determinati f'mument wieħed, iżda jibqgħu javveraw ruħhom tul iż-żmien b'mod li jista' jingħad li l-ħsara qiegħda kontinwament issir, kif*

[1] 28.09.2012.

*jidher li qed jiġri f'dan il-każ, it-terminu ta' preskrizzjoni jkun kontinwament qed jiġi "interrott" u dan it-terminu ma jibdiex jgħaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xogħlijiet meħtieġa biex il-ħsara tieqaf milli tkompli ssir."*

Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-appellanta ma rnexxilhiex turi li l-azzjoni mibdija mill-appellati kienet diġà preskritta meta dawn istitwew il-kawża fit-22 ta' April, 2008, għaliex proprju sa ftit xhur qabel kienu għadhom qegħdin jimmanifestaw ruħhom ħsarat ġodda fil-proprjetà tagħhom, b'tali mod li d-danni u l-ħsara sofferti minnhom ma setgħux jiġu likwidati qabel tlesta l-proġett.

21. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li l-appellati ma seħħilhomx jippruvaw li l-ħsara sofferta minnhom kienet konsegwenza diretta tax-xogħol li sar minnhom fil-proprjetà tagħhom. Imma din il-Qorti, kif stqarret l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha, tqis li mir-ritratti ppreżentati fl-atti, jirriżulta li l-fond tal-appellati ddeterjora b'mod sinifikanti wara li beda l-proġett tas-soċjetà appellanta, u meta wieħed iqis kollox, ġie ppruvat bl-aktar mod ampju u ċar li kien ix-xogħol imwettaq mis-soċjetà appellanta li wassal għall-ħsara li qegħdin jilmentaw minnha l-appellati.

*It-tieni aggravju: id-danni ma ġewx ippruvati skont il-liġi*

22. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-appellati ma seħħilhomx iġibu l-aqwa prova tad-danni sofferti minnhom, għaliex ħafna mid-dokumenti li ppreżentaw jikkonsistu fi stejjem u *quotations,* kif ukoll f'irċevuti li ma ġewx maħlufa minn min ippreżentahom. L-appellanta qajmet dubju dwar jekk uħud mill-ispejjeż pretiżi mill-appellati ġewx verament inkorsi minnhom, partikolarment għaliex minkejja li l-appellati xehdu li ħafna mix-xogħlijiet inkwistjoni saru minnhom,

dawn xorta waħda ma ġabu l-ebda prova u l-ebda irċevuta sabiex jippruvaw li dawn ix-xogħlijiet kienu fil-fatt saru.

23. Għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-appellati, din il-Qorti sejra toqgħod biss fuq dak li jirriżulta mill-irċevuti esebiti quddiem l-Ewwel Qorti, peress li huma dawn id-dokumenti biss li jistgħu jitqiesu bħala l-aqwa prova tad-danni realment sofferti mill-appellati. F'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li l-prospett esebit *a fol.* 22 tal-proċess mhuwiex l-aqwa prova li setgħet tinġieb in sostenn tal-pretensjonijiet tal-appellati. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni sofferti mill-appellati kif ġej - €22.36 (J.C.R. Ltd.) + €931.75 (xogħol ta' kisi u ġibs) + €1,013.27 (aċċessorji tal-kamra tal-banju u madum) + €16.31 (xogħol ta' manutenzjoni fuq l-*alarm system*) + €46.59 (tindif minn Clentec Ltd.) + €69.88 (tindif minn Clentec Ltd.) + €624.30 (Bathroom Design Ltd.), li b'kollox jammontaw għal €2,724.46. Din il-Qorti tqis li huwa biss dan l-ammont ta' danni sofferti mill-appellati li huwa sorrett minn prova oġġettiva fil-forma ta' rċevuti għax-xogħlijiet li saru u għall-materjali mixtrija. Għaldaqstant din il-Qorti f'dan ir-rigward sejra tvarja d-danni likwidati mill-Ewwel Qorti u qiegħda minflok tordna li d-danni għandhom jiġu likwidati fl-ammont ta' €2,724.46.

*It-tielet aggravju: ebda ħlas ta' mgħaxijiet fuq l-istejjem*

24. In vista tad-deċiżjoni tagħha fir-rigward tat-tieni aggravju sollevat mill-appellanta, il-Qorti mhijiex sejra tieħu konsiderazzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju. Id-deċiżjoni ta' din il-Qorti hija li d-danni attwali li għandhom jitħallsu

huma dawk li ġew korroborati mill-provi, u fuq id-danni ppruvati għandhom jitħallsu l-imgħaxijiet legali dovuti.

*Ir-raba' aggravju:* *is-soċjetà appellanta ma kellhiex tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha ladarba rriżulta li l-intimat Chris Cuschieri personalment tħarrek inutilment*

25. Din il-Qorti tirrileva li ladarba l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-intimati li Chris Cuschieri personalment ma kienx leġittimu kontradittur fil-proċeduri proposti mir-rikorrenti, appellati f'din l-istanza, is-soċjetà intimata, appellanta f'din l-istanza, ma kellhiex tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji fir-rigward ta' dik l-eċċezzjoni.

Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

__Decide__

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tibdel, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata kif ġej:**

**(a) Tikkonferma li Chris Cuschieri f'ismu personali mhux leġittimu kontradittur u għalhekk dan għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;**

**(b) Tikkonferma li s-soċjetà appellanta hija l-leġittima kontradittriċi u għandha twieġeb għat-talbiet tal-appellati;**

**(ċ) Tikkonferma li l-azzjoni proposta mill-appellati mhijiex preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16;**

**(d) Tiddikjara li d-danni sofferti mill-appellati li għandhom jiġu mħallsa mis-soċjetà appellanta, qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' elfejn, seba' mija u erba' u għoxrin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€2,724.46), bl-imgħax legali fuq dan l-ammont hekk likwidat mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u ta' dan l-appell, għandhom jitħallsu kwantu għal tliet kwarti mis-soċjetà appellanta u kwantu għal kwart mill-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**